KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA
Città Umilissima

VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 30**

Il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2015 fis-6.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Vincent Farrugia Lauri, Vincent Fabri, u Raymond Azzopardi. Raymond Attard ġie tard minħabba npenn ieħor. Dr Norman Shaw kien skuzat. L-Ambaxxatur Jake Scerri kien preżenti wkoll.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 29 li saret nhar Il-Ħamis 9 ta' Lulju 2015 fis-6.00pm kienu ikkonfermati.

Il-Laqgħa ġiet sospiża biex Marcia Grima mil-MUŻA spjegat l-outreach li qed isir min naħa tal-Mużew ta' l-Arti. L-outreach ser ikun imqassam fuq 2 fażijiet. L-ewwel fazi ser issir nhar it-22 ta' Awwissu fejn l-grupp magħżul ser jagħżlu biċċiet ta' l-arti li ser jiddendlu fiż-żoni residenzjali tal-Belt. Wara li jintgħazlu l-10 biċċiet ta' l-arti jaddu għat-2 parti tal-proġett.
Il-Kunsill qabel li l-biċċiet ta' l-arti għandhom jiddendlu mal-gallariji. Hekk ir-residenti jistgħu jieħdu ħsiebhom u ma jsirilhomx ħsara.

Il-Kunsill qabel li wara li jsir dan il-proġett l- arti għandha tingħata bħala donazzjoni lill kunsill lokali tal-Belt.

1. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku nforma li l-karozza tal-Linja qed taddi miċ-ċentru tal-Belt u residenti reġgħu qed jużawha.. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma' CEO ta' Transport Malta biex jiġu diskussi ċertu problemi.

2. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li għandha ssir laqgħa dwar Film li ser jinġibidet fil-Belt. Time Out of Mind.
2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ġiet sottomessa by-law biex il-karozzini jkollhom rubber mar-roti minħabba l-pavimentar l-ġdid li hemm fil-Pjazza ta' Kastija. Din hija simili ta' dik li diga qedgħa fis-seħħ l-Mdina.
2.3 Is-Sindku nforma li l -Kunsill ser japplika għal proġett Life +. Huwa proġett ta' 8 million u ser jiġi sottomess fil-15 ta' Settembru sabiex l-skart kollu tal-Belt jghaddi min taht l-art u b'hekk jitnehhew l-iscammels mil Belt. Minhabba dan, il-Kunsill se jsir firmatarju tal-Covenant of Mayors u l-UN Compact of Mayors. Kien hemm qbil dwar dan.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 L-Kunsillier Vincent Farrugia nforma dwar l-storbju li qed isir min kuntratturi f'east street.
3.2 Il-Kunsillier Vincent Farrugia nforma li għadhom isiru 2 stages ġodda waħda ħdejn peacock garden u oħra ħdejn il-Knisja ta' Santu Wistin.
3.3 Il-Kunsillier Vincent Farrugia nforma li l-Kuntratturi li qed jagħmlu xogħol ġewwa Triq Sant Ursola għamlu ħsara fit-tappiera ta' Nofs it-Triq, quddiem Santu Rokku.
3.4 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa dwar il-magazine li kien jiġi ppublikat. Huwa ġie nfurmat li dan m'għadux isir minħabba l-finanzi.
3.5 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma kemm hu disappuntat li ma kellux feedback mill-Ministeru kif ukoll min entitajiet dwar l-EU Capital for Sports. Nforma li ser jibda jahdem fuq l-European City for Sports. Is-Sindku ssuggerixxa li Ray Azzopardi jgħin lil Christian Micallef f'din l-applikazzjoni.
3.6 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma li dwar il-World Tourism Federation li ser issir ġewwa l-Marocc. Hu nforma li ser ikun akkumpanjat mis –Segretarju Ezekuttiv.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR

NIL

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Korrispondenza minn għand il-Partit Nazzjonalista biex jagħmel l-attivitajiet politici ġewwa l-Pjazza Jean de Vallette u mad-dawra tal- Parlament. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

5.2 Korrispondenza minn għand Kane Cali biex isiru bollards quddiem il-propjeta tieghu fi Triq Sant Ursola. Kien hemm qbil li jibgħat lil kunsill kull darba li jrid idaħħal oġġetti kbar fl-store u jsir permess.

5.3 Korrispondenza minn għand resident ġewwa l-kamrata biex issir rampa zgħira mal-bieb ta' barra biex ikun jista joħrog bil-*wheelchair*. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir.

5.4 Korrispondenza min għand Lands Department dwar no objection għal mwejjed u siggijiet tal-Cordial Restaurant.

5.5 Korrispondenza min għand is-Sidien tal-Boutique Hotel 53A – 56 Triq it-Teatru l-Antik, Valletta biex isiru mwejjed u siggijiet quddiem l-hwienet li ser jinfetħu.

5.5.1 Il-kunsill qabel li l-Lands għandha tippjana l- imwejjed biex ma jkunx hemm kunflitti bejn is-sidien tal-ħwienet. Il-Kunsill jaqbel li għandhom ikollhom mwejjed u siggijiet barra.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

6.1 Is-Segretarju Eżekkutiv Gabriella Agius nfurmat li saret applikazzjoni ta' A+ accessibility Award biex isiru railings fit-turgien li baqgħa madwar l-Belt kollha. Ghandha ssir dno application fuq id-disinn li diga hemm biex nofs ix-xogħol jitlesta sa l aħħar tas-sena.

6.2 Is-Segretarju Eżekkutiv Gabriella Agius nfurmat li ntbgħatet ittra min għand l-Avukat tal-Kunsill lil DLG biex jassisti fil ġbir ta' l-ammont dovut lill-Kunsill min għand Transport Malta u l-Ministeru ta' Kultura

6.3 . Is-Segretarju Eżekkutiv Gabriella Agius nfurmat li rċeviet korrispondenza min għand id-DLG li l-Segretarju Eżekkuttiv huwa l-Kap Eżekuttiv, Amminnistrattiv u Finanzjanu u għalhekk il-problemi jridu jissolvew minnha.

6.4 Is-Segretarju Eżekkutiv Gabriella Agius nfurmat li f'nofs Awwissu ser isir il -proġett ta' Skambju f'Sunderland fejn group tal-Minors tan-Nursery Tal-Belt ser izuru Sunderland għal training camp. Imbgħad lejn il-bidu ta' Novembru ser issir zjara edukattiva għal zgħazagħ ġewwa Brussel . Din ser issir bl-għajnuna ta' David Casa, MEP. Ovvjament ser tingħata preċedenza lil zgħazagħ Beltin li għadhom qatt ma benefikaw mil -fondi ta' EU kif ukoll li għandhom livel ta' edukazzjoni. Sar ukoll appell sabiex l-MEPs l ohra kollha jghinuna biex norganizzaw inizzjattivi simili.

**TMIEM**

Fl-20.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għal Ħamis 3 ta' Settembru fis -18:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku